MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 668/2006

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit u Sp Christopher Pullicino)
vs
Anthony Micallef, iben John, imwieled Attard fit-8 ta' Lulju, 1966, karta ta' l-identita numru 298566(M)
u
Renato Micallef, iben John, imwieled Attard fil-25 ta' Settembru, 1969, karta ta' l-identita numru 430069(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fid-9 ta' Lulju, 2006 u matul l-aħħar snin ta' qabel din id-data, fil-Mosta, u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. f'dan il-perjodu, xjentement, xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom, u cioe' kwantita' ta' ħut li l-valur tiegħu jammonta għal aktar minn elf lira maltin (LM1,000);

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma Anthony Micallef bħala reċidiv skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

fil-konfront ta' Anthony Micallef:

a. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

fil-konfront ta' Renato Micallef:

a. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex ttideċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012 fejn il-parte ċivile nfurmat il-Qorti li ma għandha ebda pendenza ta' natura ċivili kontra l-imputati u għal kwalumkwe bon fini qed taħfer lill-istess imputati.

Rat il-verbal tas-seduta tat- 3 ta' Diċembru, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Anthony Micallef ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' €235 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti. Issib lill-imputat Renato Micallef ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' €235 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------